# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 258/21/1 GM**

**Liam Debono ammess għall-patroċinju gratwit**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

1. L-attur appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-4 ta' Lulju 2023 li biha rrifjutat li teżerċita s-setgħat tagħha minħabba li fil-fehma tagħha naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji. F'din il-kawża l-attur jilmenta li:

i. Sofra minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq garantit taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ksur tal-Art. 2 tal-Protokoll 7 tal-istess Konvenzjoni.

ii. X'aktarx mhux ser ikollu smigħ xieraq fil-ġuri li għad irid isir għaliex hemm preġudizzju kontrih b'riżultat ta' dak li rraportat il-*media* dwar il-każ, u dan bi ksur tal-Art. 6(3) tal-Konvenzjoni u Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

Fatti.

2. B'sentenza tal-21 ta' Ġunju 2019 fil-kawża Il-Pulizija v. Liam Debono deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-attur kien kundannat komplessivament għal ħames snin priġunerija, multa ta' €22,000 u telf tal-garanzija li kien ta sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest (total ta' €50,000). L-imputazzjonijiet kontrih kienu li:

i. Saq vettura Fiat Uno CAS 659 mingħajr polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi u ma kellux liċenzja tas-sewqan;

ii. Kiser il-provvedimenti tal-Att dwar il-Probation li kienu imposti fuqu mill-istess qorti b'sentenza tal-10 ta' Lulju 2018, liema sentenza hi ġudikat;

iii. Naqas milli jħares kondizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti Kriminali f'digriet tat-28 ta' Settembru 2018 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest;

iv. Kiser il-provvediment ta' sentenza li ngħatat fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Lulju 2018 li biha kien ġie skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' ħames snin;

v. Kien reċidiv peress li kien instab ħati b'diversi sentenzi definittivi li ngħataw mill-Qrati ta' Malta.

3. L-attur m'appellax mis-sentenza.

4. Inoltre, l-attur qiegħed jistenna li jsir ġuri kontrih dwar tentattiv ta' omiċidju ta' uffiċjal tal-pulizija tat-traffiku li seħħ f'Mejju 2018.

5. Kien fit-23 ta' April, 2021 li l-attur fetaħ il-kawża tal-lum u ilmenta li ma setax jappella mis-sentenza fuq imsemmija għaliex l-avukat li kien inkariga ma riedx ikompli jassistih u rrifjuta li jagħtih ir-rilaxx sabiex iqabbad lil ħaddieħor. Kompla jilmenta li l-ebda avukat ma ried jieħu l-każ minħabba li l-avukat preċedenti tiegħu ma riedx jagħti ir-rilaxx. Żied li

ommu kienet ġiet arrestata jumejn wara u għalhekk ma kienx possibbli għalih li jappella. *Inter alia* ppremetta wkoll li kien deher bl-assistenza tal-avukat tal-għajnuna legali li però kellu biss il-permess li jidher għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u ma kellux l-awtorizazzjoni sabiex jappella. Fit-tieni lok ilmenta li fir-rigward tal-każ l-ieħor li għandu pendenti jistenna li jgħaddi ġuri, ġie soġġett għall-bumbardament mill-istampa. Kummenti ta' ġurnalisti u wkoll kummenti *online* li jimplikawh b'mod serju. Isostni li hu importanti li meta jsir il-ġuri, l-istess ġurati ma jkunux influwenzati b'mod negattiv b'dak li jkunu semgħu u qraw b'ċertu insistenza. Id-dritt tal-libertà tal-espressjoni hu soġġett għal restrizzjonijiet bi protezzjoni ta' terz, fosthom dak ta' proċess ġust. Għalhekk talab lill-Qorti sabiex:

> *"(1) Tiddikjara illi diġà hemm ksur tal-artikolu 6 fil-konfront tar-riokrrenti u ksur tal-artikolu 2 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, għar-raġunijiet premessi u tagħtih rimedju effettiv, u danni morali*.
>
> *(2) Tiddikjara preventivament li bis-sitwazzjoni li nħolqot l-esponenti huwa wisq probabbli li ma jkollux smigħ xieraq minħabba l-preġudizzju mibni kontra tiegħu u għal tali fini din l-Onorabbli Qorti tagħti dawk il-provvedimenti oltre dawk imsemmijin fis-sentenza tal-Qorti Ewropea hawn fuq ċitata ħalli miegħu issir ġustizzja mingħajr ma jkun hemm preġudizzju minn qabel tar-rejita' tiegħu u dan ikun bi ksur tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kostituzzjoni fl-artikolu 39*.

6. Fl-10 ta' Mejju 2021 wieġeb l-Avukat tal-Istat u *inter alia* li l-attur naqas milli juża rimedju ordinarju effettiv tal-appell. Għalhekk il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita l-poteri tagħha taħt l-Art. 46(2) tal-

Kostituzzjoni u l-*proviso* għall-Art. 4(2) tal-Kap. 319. Jekk m'appellax minħabba kwistjonijiet li hemm mal-avukat tiegħu, dik hi materja li jrid jaraha mal-avukat u mhux jippretendi rimedju mingħand l-Istat. *Inoltre*, fir-rigward tal-ilment l-ieħor l-azzjoni hi intempestiva għaliex l-ilment hu mibni fuq allegat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, meta d-dritt irid jiġi eżaminat il-proċess fit-totalità tiegħu. *Inoltre*, dak li seta' ġie pubblikat f'gazzetti lokali hi biss l-opinjoni tal-ġurnalisti li huma indipendenti mill-Gvern. Ebda entità tal-Gvern mhi responsabbli għal dak li qiegħed jilmenta minnu l-attur. Kieku ried l-attur kellu l-opportunità li jqajjem l-ilment quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, inkarigata biex tisma' l-każ. Dan apparti l-fatt li s-soċjetà għandha dritt tkun infurmata meta jkun hemm investigazzjonijiet dwar reati serji. Il-qorti kompetenti ser tiddeċiedi dwar il-każ tal-attur a bażi tal-provi li jkollha quddiemha, ukoll għaliex hu preżunt innoċenti. Fil-proċeduri kriminali jeżsitu salvagwardji biżżejjed sabiex jiggarantixxu smigħ xieraq, fosthom li l-Qorti hi presjeduta minn Imħallef indipendenti u mparzjali.

7. Bis-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni fit-tieni paragrafu tar-risposta tal-Avukat tal-Istat billi ai termini tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Art. 4(2) tal-Kap. 319 tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha minħabba nuqqas ta' eżawriment tal-mezzi ordinarji ta' rimedju".*

8. Fit-18 ta' Lulju 2023 l-attur appella mis-sentenza, filwaqt li l-Avukat tal-Istat wieġeb fis-7 ta' Awwissu 2023 fejn ta r-raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

9. Fl-ewwel aggravju l-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet żball meta kkonkludiet li l-attur naqas milli jappella u għalhekk naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji. Spjega li hu m'appellax għaliex l-avukat li kien qiegħed jiddefendih ma taħx ir-rilaxx sabiex ikun jista' jinkariga avukat ieħor. B'hekk ma setax jappella u għalhekk is-sentenza saret ġudikat.

10. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> *"Fir-rikors promotur ma jispeċifikax x'kienu l-proċeduri tal-passat. Jidher li qiegħed jirreferi għall-Pulizija v Liam Debono deċiża Mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fil-21 ta' Ġunju 2019. Ex admissis m'appellax mis-sentenza. Jallega li dan ġara għaliex l-avukat tal-fiduċja tiegħu li kien jippatroċinah la ried jappellalu u lanqas jagħtih ir-release biex ikun jista' jqabbad avukat ieħor. Jistqarr li ma ppruvax iqabbad avukat għall-għajnuna legali. Lanqas ipprova jinforma lill-Qorti tal-Appell Kriminali bid-diffikultà` li allegatament kellu.*
>
> *Għalhekk ir-rikorrent naqas li juża' l-għodda proċedurali li tagħtih il-liġi ordinarja, u dan jagħti lok biex din il-Qorti tiddeklina li teżerċita l-potesta` tagħha għaliex kif issostni b'mod konsistenti hija Qorti of last resort. Huwa abbuż li issa daħal sewwa fil-prassi tal-foro tagħna li wieħed jgħaġġel u jiftaħ kawża kostituzzjonali bla ma l-ewwel jirrikorri għall-proċeduri taħt il-liġi normali. Abbuż serju li bbanalizza għal kollox il-proċess straordinarju quddiem il-Qrati bħala għassiesa tal-jeddijiet fundamentali u jwassal għal ħafna telf ta' żmien u enerġija prezzjuży*

*b'detriment ta' ċittadini oħrajn li jkollhom kawżi oħra quddiemhom. Dan apparti li l-Istat ma kellu assolutament xejn x'jaqsam mal-aġir tal-avukat patroċinatur tar-rikorrent"*.

11. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-attur, fir-rigward tal-ewwel ilment tiegħu l-Ewwel Qorti ma qalitx li l-attur naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji sempliċement għaliex m'appellax is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2019.

12. F'dan ir-rigward l-uniku prova li ressaq l-attur hi d-depożizzjoni tiegħu u xejn iktar (fol. 35). Depożizzjoni qasira u xotta. Milli fehmet il-Qorti, l-attur isostni li l-avukat li kien qiegħed jiddefendih fl-ewwel stadju ma riedx jagħtih ir-rilaxx biex ikun jista' jinkariga avukat ieħor, u skont l-attur dan wassal biex l-ebda avukat ma ried jieħu l-każ tiegħu. Għalhekk isostni li kien fl-impossibilità li jappella s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Però mistoqsi jekk ippruvax iqabbad avukat tal-għajnuna legali, wieġeb, *"Le, le ma kellix"*.

13. Skont il-liġi l-attur kellu ħmistax-il jum tax-xogħol sabiex jappella s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2019 mid-data tas-sentenza li jrid jappella.

14. Il-Qorti tosserva li l-attur ma ressaq l-ebda prova indipendenti li tikkorrabora l-verżjoni li ta dwar id-diffikultà li sab ruħu fiha hekk kif ingħatat is-sentenza fil-21 ta' Ġunju 2019.

15. Jekk kif qal l-attur ma setax isib avukat li kien lest jieħu l-inkarigu biex jippreżentalu appell, seta' jirrikorri l-uffiċċju tal-avukat tal-għajnuna legali sabiex jingħata l-għajnuna li kellu bżonn biex jappella. Għajnuna li f'dan il-qasam tingħata lil kull min jitlobha. Minn kliem l-attur hu evidenti li ma fittix dak ir-rimedju, u għalhekk naqas milli jutilizza rimedju li kellu għad-disposizzjoni tiegħu.

16. Però hu rilevanti wkoll li fir-rikors promotur l-attur ippremetta:

> *"Minn dak li jidher ukoll għalkemm kien deher ukoll bl-avukat tal-għajnuna legali kellu obbligu biss li jidher għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati imma ma kellu ebda awtorizazzjoni li jipproċedi għall-appell".*

17. Jekk kif iddikjara l-attur kien diġà assistit minn avukat tal-għajnuna legali fil-każ in kwistjoni, mela kuntrarjament għal dak li jsostni, iktar u iktar x'aktarx li ma kienx hemm ostakolu li jappella s-sentenza. Għalkemm fir-rikors promotur iddikjara li s-servizz tal-għajnuna legali kien biss għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, m'hemm l-ebda prova li kien hemm bżonn xi awtorizazzjoni sabiex l-avukat minn dak l-uffiċċju jħejji u jippreżenta l-appell fl-interess tal-attur. L-oneru tal-prova kien fuq l-attur, li ma ressaq l-ebda prova li l-uffiċċju tal-avukat tal-għajnuna legali rrifjuta jew naqas milli jagħtih l-għajnuna li kellu bżonn jekk verament ried jappella mis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2019.

18. Rilevanti hu l-fatt li mill-atti ta' dik il-kawża kriminali, li l-Qorti rat peress li l-ilment tal-attur hu li meta ngħatat is-sentenza sab ruħu f'sitwazzjoni impossibbli li jippreżenta appell, jirriżulta li matul il-kawża l-attur kien assistit mill-avukat Dr Victor Bugeja mill-uffiċċju tal-Għajnuna Legali u mhux mill-avukat li semma hu meta xehed quddiem il-Qorti. L-avukat kien preżenti wkoll meta fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2019 ingħatat is-sentenza. Mill-atti tal-proċeduri kriminali rilevanti jirriżulta wkoll li f'dik is-seduta l-attur talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija sabiex jappella. Talba li l-Qorti laqgħet taħt garanzija personali ta' €500. Fatti li jġibu fix-xejn il-verżjoni li ta l-attur biex jipprova jiġġustifika għalfejn m'appellax. Dan apparti l-fatt li għalkemm kawża ta' din ix-xorta mhijiex milquta minn dekadenza jew preskrizzjoni, jistona sew kif l-attur stenna xejn inqas minn kważi sentejn biex fetaħ din il-kawża meta l-konsegwenza kienet it-telfien tal-libertà.

19. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

20. It-tieni aggravju jitratta dwar il-ġuri li l-attur qiegħed jistenna li jsir (Ir-Repubblika ta' Malta v. Liam Debono att ta' akkuża numru 2/2020), u li dwaru ilmenta li saret pubbliċità avversa kontrih mill-*media*. L-attur isostni li l-Ewwel Qorti ma tatx l-importanza li l-ilment kien jistħoqqlu.

F'dan ir-rigward għamel ukoll referenza għas-sentenza Il-Pulizija v. Dr Noel Arrigo et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Ottubru 2003.

21. Dwar dan it-tieni ilment l-Ewwel Qorti kellha dan xi tgħid:

> *"It-tieni lment huwa li l-pubbliċita` fil-medja tagħti lok li l-ġurati sejrin ikunu preġudikati kontrih. Ir-rikorrent ma ressaqx dan l-ilment quddiem il-Qorti penali, kif għandu kull dritt li jagħmel. Anke hawn ir-rikorrent m'użax l-għodda li tagħih il-liġi ordinarja".*

22. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-attur milli jagħżel li l-każ tiegħu jinstema' quddiem Imħallef mingħajr ġurati, jekk qiegħed jibża' li l-ġurati li għad iridu jintagħżlu mhux ser ikunu imparzjali minħabba l-pubbliċità li ngħata l-każ fil-mezzi tal-*media* skont l-Art. 438 tal-Kodiċi Kriminali. Imħallef ikollu l-esperjenza u l-formazzjoni li tippermettilu li jiddistakka ruħu minn affarijiet li huma esterni għall-proċess ġudizzjarju. *Inoltre*, bl-għajnuna tal-avukat li qiegħed jiddefendih jista' jitlob lill-Qorti Kriminali li quddiemha ser isir il-ġuri, sabiex tagħti d-direzzjoni li hemm bżonn lill-ġurati sabiex jiddeċiedu biss fuq il-provi li jitressqu waqt il-ġuri. L-Imħallef li jippresjedi fil-ġuri minn jeddu għandu wkoll l-awtorità li jagħmel kull osservazzjoni li hemm bżonn lill-ġurati sabiex jaqdu bl-aħjar mod id-dmirijiet tagħhom. Dan apparti l-fatt ukoll li f'każ ta' verdett ta' ħtija, il-ħati jkollu l-jedd li jappella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kemm fuq punti ta' fatt u ta' dritt. Qorti li hi presjeduta minn Imħallfin biss.

23. Hu ovvju li l-każ kien ħasad pajjiż u wieħed jistenna li l-*media* tagħmel rappurtaġġ estensiv dwaru. F'kull każ il-provi li ressaq l-attur huma ftit ħafna u mhumiex prova sodisfaċenti li kien hemm kampanja ħarxa mill-*media* kontrih li x'aktarx ser twassal biex il-ġurati sa minn qabel isir il-ġuri, ikunu preġudikati li hu ħati tal-akkużi li saru fl-att tal-akkuża jew li mhux ser jingħata smigħ xieraq. Il-provi jikkonsistu:

i. Depożizzjoni tal-avukat li assista lill-attur biex jiftaħ il-kawża. Milli fehmet il-Qorti, l-avukat kien inkarigat mill-uffiċċju tal-għajnuna legali, li fiha nnifisha turi wkoll li meta l-attur fittex l-għajnuna, ingħata dik l-għajnuna. Kulma xehed l-avukat hu li martu semmietlu li kellmitha ħabiba tagħha u *"... qaltilha kważi titkażża, qaltilha dak qed jiddefendi lil Liam Debono ?"*.

ii. Verżjoni tal-attur fejn qal li l-*media* kienet ippubblikat ritratti u filmati tiegħu meta kien għadu minorenni mingħajr il-permess tal-ġenituri tiegħu, kif ukoll issemma fil-każ ta' kuġin tieġħu li dwaru ma kellux konnessjoni. Ilmenta wkoll dwar artiklu pubblikat fil-Maltatoday fil-25 ta' April 2021 u ppreżentah bħala prova. Żied li ommu kienet ukoll dehret fuq programm tat-televixin fejn tkellmet fuq il-passat tal-familja tiegħu.

iii. Estratt minn gazzetta Maltatoday tal-25 ta' April 2021 bit-titlu *"Liam Debono wants moral damages ahead of murder trial"*. Apparti l-fatt li t-titlu jagħti l-messaġġ żbaljat għaliex dan ma kienx każ ta' omiċidju u fil-fehma tal-Qorti ma kellux jiġi pubblikat ritratt tal-attur li l-Qorti qiegħda tifhem li ttieħed fil-ħin tal-arrest meta tikkunsidra li kien għadu minorenni meta seħħ il-każ, l-artiklu jikkonsisti f'rappurtaġġ dwar din il-kawża li fetaħ l-attur.

24. *Inoltre*, l-każ kien seħħ f'Mejju 2018 u diġà għaddew sitt snin. F'dan il-kuntest it-trapass ta' dawk is-snin kollha hu bla dubju favur l-attur.

25. Il-Qorti żżid li s-sentenza fuq imsemmija mill-attur ma tgħinx il-każ tiegħu, peress li f'dak il-każ id-deċiżjoni tal-Qorti kienet dwar dikjarazzjoni fil-pubbliku li għamel il-Prim Ministru fil-konfront tas-suspettati. Fil-każ in eżami ma saret l-ebda allegazzjoni li uffiċjal pubbliku għoli għamel xi dikjarazzjoni fil-pubbliku li biha tappan il-preżunzjoni tal-innoċenza tal-attur. Hekk ukoll is-sentenza tal-QEDB Craxi v. Italy tal-5 ta' Diċembru 2002, li l-attur irrefera għaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet għaliex qal li sabet ksur tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni, ukoll ma tgħinux. L-ilment tal-attur hu dwar l-allegat ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Apparti li f'dak il-każ il-QEDB kienet ċaħdet l-ilment ta' Craxi li seħħ ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni minħabba dak li rrefera għaliha bħala kampanja tal-istampa

Taljana kontrih.  Dan meta l-proċeduri kriminali kienu ngħalqu u għalhekk qorti tkun tista' tikkunsidra t-totalità tal-proċess kriminali kollu.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da